# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tal-Hamis, 16 ta' Marzu, 2000**

**Numru: 3**

**Citazzjoni Numru:  1341/91 JF**

**Fiona Cachia Busietta ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' "RHF Industries Limited".**
**vs**
**Dottor Henry sive Eric Mamo ghan-nom u in rapprezentanza tal-"Mid Med Bank Limited" li b'nota tas-17 ta' Jannar 2000, l-isem inbidel ghal H.S.B.C. Bank Malta p.l.c.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attrici nomine li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-konvenut Dottor Eric Mamo nomine talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' qbid kontra l-konvenuti l-ohra (Mandat nru. 3527/91AS) ghall-hlas

tas-somma ta' mija u sbatax-il elf, mitejn tlieta u disghin lira, erba' u erbghin centezmu u erba' millezmi (Lm117,293.44,4) u ghal imghax tat-8% fis-sena mill-20 ta' Novembru 1988 sad-data tal-pagament effettiv; illi dan il-mandat gie esegwit fin-negozji tas-socjeta' attrici li minnhom gew elevati l-oggetti kollha ezistenti b'mod li l-istess negozji gew paralizzati; illi l-oggetti elevati huma ta' proprjeta' tal-istanti u mhux tas-socjetajiet debitrici; illi l-konvenut nomine gie nfurmat b'dan u gie mitlub biex jirrevoka l-imsemmi mandat li bhala konsegwenza tieghu l-istanti kienet qeghda ssofri danni enormi; illi nonostante l-ispjegazzjoni lilhu moghtija il-konvenut nomine Dottor Eric Mamo baqa' jippersisti fl-agir illegali tieghu u ghalhekk in "mala fede".

Talbet li dina l-Qorti:

1. tirrevoka l-mandat ta' qbid fl-ismijiet "Avukat Dottor Henry Mamo noe - vs - Adrian Busietta noe et" (Numru 3527/91 AS) kif ukoll l-esekuzzjoni tieghu;

2. tiddikjara lill-konvenut nomine Dottor Eric Mamo responsabbli ghad-danni sofferti mill-istanti peress li qieghed jagixxi in mala fede;

3. tillikwida l-ammont tal-istess danni;

4. tikkundanna lill-istess Dottor Eric Mamo nomine ihallas id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Novembru 1991 u bl-imghax legali mill-hrug tal-imsemmi mandat.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Dottor Henry sive Eric Mamo ghan-nom u in rapprezentanza tal-Mid Med Bank Limited, fejn eccepixxa:

1. Illi l-meritu tal-ewwel talba jinsab ezawrit stante illi l-eccipjent gja spedixxa kontromandat.

2. Illi l-eccipjent m'hu responsabbli ghal ebda danni li setghet talvolta sofriet is-socjeta' attrici billi l-mandat in kwistjoni inhareg u gie ezegwit in bona fede, f'lokal li hu maghruf bhala sede kummercjali tad-debitur tal-eccipjent, u cioe' is-socjeta' Muscat's General Stores Limited.

3. Illi ghall-istess motivi t-talbiet ghall-likwidazzjoni tad-danni u l-kundanna ghall-hlas tal-istess huma nfondati.

   Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lix-xhieda prodotta u rat l-affidavit li gew prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-digrieti moghtija;

Trattata ezawrjentement il-kawza;

Ikkunsidrat li din hija kawza ta' danni istitwita mis-socjeta' attrici kontra l-Bank konvenut u z-zewg socjetajiet l-ohra, u cjoe' "Muscat General Stores Limited" u "Pye Rentals Limited" li mill-atti tal-kawza dawn it-tnejn ta' l-ahhar jidhru li

baqghu ma wiegbu xejn ghat-talbiet attrici u ghalhekk qeghdin jitqiesu bhala kontumaci fil-kawza.

Illi proprjament l-ewwel talba kienet tmur oltre minn dak li normalment ikun hemm kompriz f'azzjoni ta' danni pero' jirrizulta li fil-mori tal-kawza, il-mandat ta' qbid li tieghu ntalbet ir-revoka gie effettivament revokat b'digriet sussegwenti wara talba ghall-hrug ta' kontro-mandat ad istanza tal-Bank konvenut. Jinghad ghalghekk li kwantu ghall-ewwel talba din giet proceduralment ezawrita b'dak li sehh wara. Jinghad ukoll pero' li l-Bank konvenut ighid li dan il-kontro-mandat gie mahrug ghaliex kien intlahaq arrangament bl-intervent ukoll ta' bank iehor u mhux ghaliex huwa qatt accetta xi htija ghall-otteniment u ezekuzzjoni tal-mandat ta' qbid <u>de quo</u>. Il-Bank konvenut di fatti ghadu tutt'ora jsostni illi l-agir tieghu mhux biss kien in "buona fede" imma anke ggustifikat minn punto di vista ta' dritt u ghalhekk it-talbiet l-ohra attrici, ta' natura konsegwenzjali, huma nfondati. Fi kliem iehor, din il-Qorti necessarjament ikollha tinvesti l-punt dwar jekk l-otteniment tal-mandat ta' qbid, u partikolarment bil-fatt li seta' gie esegwit fuq hwejjeg appartenenti lil terz li ma kienx debitur tal-Bank konvenut, kienx iwassal ghal ezekuzzjoni erroneja possibbli ghall-hlas ta' danni a kariku tal-ezekutant, jigifieri tal-imsemmi Bank konvenut f'dan il-kaz.

Illi mill-provi jirrizulta li l-Bank konvenut kien kreditur taz-zewg socjetajiet l-ohra konvenuti. Jirrizulta wkoll li kienet tezisti konnessjoni bejn dawn iz-zewg socjetajiet konvenuti u s-socjeta' attrici, u partikolarment mas-socjeta' Muscat's General Stores Limited u dana billi l-azzjonisti, ossija xi whud minnhom, taz-zewg socjetajiet kienu l-istess persuni - specjalment Adrian Busietta, missier l-attrici proprio. Muscat General Stores Limited kienet wahda mill-agenti klijent tas-socjeta' attrici. Is-socjeta' attrici hija s-sid tal-fond kummercjali li hemm fil-Gzira u dan inoltre jinsab lokat lil Muscat General

Stores Limited, liema stabbiliment jikkomprendi hanut kif ukoll ufficini u "stores". Barra minn dan, kumpanija ohra bl-isem ta' Muscat Servicing Limited tikri wkoll parti ohra minn dan l-istabbiliment. Seta' wkoll, tghid l-attrici in kontro-ezami li kien hemm xi "old stock" u "oggetti ohra insinjifikanti" ghand Muscat General Stores Limited li thallew kemm mis-socjeta' attrici. Min-naha l-ohra pero', l-attrici xehdet bla ma giet kontradetta li l-Bank konvenut kien pjenament edott bl-ezistenza tas-socjeta' attrici indipendentement miz-zewg socjetajiet l-ohrajn konvenuti ghaliex tghid li huma kienu jahdmu bl-istess Bank. Jirrizulta inoltre li l-oggetti maqbudin kienu tassew jappartjenu lis-socjeta' attrici u mhux lid-debituri vera tal-Bank konvenut. Jirrizulta wkoll li l-attrici agixxiet fil-pront biex turi lill-ezekutant bl-izball li kien qieghed jiehu pero' deher li l-Bank konvenut xorta wahda ghazel li jibqa' ghaddej bl-ezekuzzjoni, minkejja l-protesti tal-attrici nomine anke fuq il-post, u waqt l-ezekuzzjoni, u li kien biss wara arrangamenti milhuqin mad-debituri l-ohrajn u bl-intervent ta' bank iehor li eventwalment gie revokat il-mandat ta' qbid. Ma jirrizultax li inizjalment l-operat tal-Bank konvenut kien "in mala fede" pero' galadarba jirrizulta li huwa esegwixxa fuq hwejjeg ta' terz, u dan minkejja li messu waqaf biex jara li dak li qed tallega s-socjeta' attrici kienx minnu (cjoe' li l-oggetti maqbudin kienu taghha u mhux tad-debituri, kif fil-fatt kien), ifisser allura li l-Bank konvenut ghandu jinzamm responsabbli ghad-danni li setghu rrizultaw b'dina l-ezekuzzjoni zbaljata fuq hwejjeg ta' terz. Ma jirrizultax li kien hemm xi responsabbilta' addizzjonali min-naha tal-konvenuti l-ohrajn, ghalkemm setghu jiccaraw il-pozizzjoni huma wkoll pero' dana m'ghamluhx.

Illi dwar il-quantum tad-danni, oltre il-prospetti esebiti u d-dokumenti komprizi esebiti mill-attrici nomine in sostenn tal-pretensjonijiet varji taghha, l-attrici xehdet estensivament u mill-anqas hadet xi hames jew sitt seduti in kontro-ezami biex ticcara u tispjega l-pretensjonijiet taghha dwar id-danni allegatament sofferti minnha. Din il-Qorti minghajr tlaqlieq hija tal-fehma li

ghalkemm xi danni tassew gew ikkaggjonati ghall-fatt li ghal madwar tlett (3) gimghat kienu nqabdu llegalment oggetti tas-socjeta' attrici, xorta wahda jidrilha li l-quantum - li ma kienx wiehed fiss ghax oxxilla 'l fuq man mano li proceduri komplew mexjin - huwa wiehed decizament esagerat u ma huwiex ghal kollox gustifikat mill-provi u ghalhekk htieglu jigi ridimensjonat mill-Qorti biex ikun jirrispekkja l-provi li gew prodotti fir-rigward tieghu.

Illi jirrizulta - ara Dok D, a fol 56 tal-process - li l-attrici nomine kienet proprju fil-bidunett jew ftit wara li bdiet il-vertenza ghamlet talba lill-Bank konvenut, imsejsa fuq dokumenti u dan in linea ta' danni fl-ammont komplessiv ta' tnejn u ghoxrin elf mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija, tnax-il centezmu u zewg millezmi (Lm22,128.12c2). Dan il-prospett sar fuq rikjesta mill-Bank konvenut biex l-attrici nomine turihom kif l-oggetti maqbudin bil-mandat kienu tassew taghha, u mhux tal-konvenuti l-ohrajn. L-attrici nomine marret oltre minn hekk u avvanzat pretensjoni likwidata dwar danni sofferti, liema pretensjoni kienet tinkludi wkoll fost ohrajn, telf ta' profitti ghas-somma ta' erbat elef u mitejn lira Maltija (Lm4,200). Dan il-prospett sar fis-sena1992. Meta regghet xehdet in kontro-ezami fl-24 ta' April 1997 - ara fol 465 - l-attrici nomine inter alia, ziedet li gej,

> *"Minn dak li konna nippretendu originarjament, skond l-ahhar xhieda, minn dak li rrizultalna effettivament ahna qeghdin inzidu bhala 'claim' is-somma ta' madwar Lm9,500 kif jirrizulta mid-dokumenti li esebejt. Anzi, proprjament hija Lm10,549, dik hija s-somma ezatta, li din il-parti ma kenitx kompriza fil-'loss of increased earnings .........'".*

Illi ghalkemm huwa minnu li l-attrici nomine esebiet ghadd ta' dokumenti u "statements of accounts" pero' mill-mod kif hija stess xehdet u minn dak li juru dawn id-dokumenti ulterjuri puttost jirrizulta li, bil-maqlub ta' dak li riedet

tasserixxi l-attrici nomine, kollox juru l-profitti kienu jvarjaw, ma kienx kostanti, u kien hemm anke perjodu li wrew abbassament fid-dhul minflok awmenti. Il-Qorti ma jidhrilhiex li l-attrici nomine ppruvat li t-talba taghha ulterjuri ghal zieda ta' Lm10,549 fuq it-talba originali taghha ta' Lm4,200 ghal telf ta' qliegh hija wahda gustifikata. Min-naha l-ohra pero' jidrilha li kwantu ghas-somma ta' Lm4,200 -tenut kont tal-fatt li l-oggetti taggha damu maqbudin mill-11 ta' Novembru 1991 sal-4 ta' Dicembru 1991 - 23 jum approssimativament, il-Hadd kompriz - din il-figura tidher wahda ragjonevoli konsiderat id-daqs tal-impriza attrici u l-kobor tas-somma li l-Bank konvenut ried jolqot bil-mandat tieghu fuq l-oggetti tas-socjeta'. Medja ta' Lm200 per diem ghal dan it-twaqqif tan-negozji tal-attrici nomine hija figura ragjonevoli. Mhux l-istess pero' jista' jinghad ghall-bqija tal-prospett - Dk D - fol 56 u dana kif ser jinghad aktar 'l isfel fil-korp ta' din is-sentenza.

L-ewwel 'item' hija fis-somma ta' Lm1,529.82c2 - ara fol 57 - li tikkomprendi per ezempju li gej:-

| | | |
|---|---|---|
| 11/11/91: | consignor's expenses | Lm103.20C |
| 28/11/91: | consignor's expenses | Lm 48.00c |
| 01/12/91: | consignor's expenses | Lm 500.00c |
| | Total: | Lm 751.20c |
| | Refund from Mr. K.Cachia | Lm 300.00c |
| | Bilanc: | Lm 451.20c |

L-attrici xehdet li Kurt Cachia gie nominat sekwestratarju minflok haddiehor biex jigu minimizzati u kontenuti l-ispejjez. Veru li a fol. 69 giet esebita kopja fotostatika ta' ricevuta fl-ammont ta' Lm500 li suppost giet ricevuta minn dan Kurt Cachia imma dana baqa' ma giex prodott bhala xhud. L-istess ghall-kopja fotostatika fl-ammont ta' Lm48 - ara fol. 68 - bil-firma ta' Peter Pace

Balzan. Dan ukoll ma giex prodott b'xhud in konferma, oltre li fotokopja ta' dokument ukoll mhix u ma tikkostitwixxix l-ahjar prova. Il-Qorti tifhem li spejjez dwar konsenjatarju kien hemm u hadet kont li sar tnaqqis ghal "refund" ta' Lm300 li suppost sar mill-konsennatarju u ghalhekk mill-ammont mitlub ta' Lm451.20c kif fuq inghad qeghda tammetti biss arbitro boni viri l-ammont ta' mitejn lira Maltin (Lm200). L-ammont ta' Lm275 ghal "expenses incurred for division of bonded area to include free area" m'huwiex sufficjentement ippruvat u qieghed kwindi jigi michud. Dwaru giet esebita fotokopja ta' ricevuta - a fol. 68 - rilaxxjata mis-socjeta' "Group 4 Securitas (Malta) Ltd." minghajr konferma bil-gurament u li tirreferi sempliciment ghal "fee payable for services rendered during November at Muscat General Stores" - a fol. 68 - fl-ammont tal Lm285.95c u bid-data tat-30 ta' Dicembru 1991. Din il-partita certament m'ghandhiex tigi nkluza. Hemm pero' ricevuta ohra - fotokopja - ghall-istess ammont mitlub u cjoe' Lm275.00c (ara fol. 77) mahruga mill-I.S. Intersteel (Malta) Limited u din hi dwar kont ghall-forniment u installar ta' "galvanised chainlink". Il-Qorti mhix sodisfatta li tali "katina" - li baqghet presummibilment fil-post fejn tqeghdet b'mod permanenti anke wara l-hrug ta' kontro-mandat - htegilha ssir bilfors b'rizultat tal-mandat mahrug mill-Bank konvenut. X'aktarx invece li dina saret ghall-konvenjenza tas-socjeta' attrici u ghalhekk m'ghandhiex tiehu vantagg minnha billi tippretendi hlas ghaliha minghand il-kontroparti konvenuta.

Illi dwar it-tieni "item" fis-somma ta' Lm12,998.30c jirrizulta li effettivament l-ammont ta' Lm10,000 reklamat ghal "marketing expenses for 1992 to compensate for loss of goodwill" thallas mis-socjeta' fornitrici estera u li l-ebda flejjes minn dana l-ammont ta' ghaxart elef lira (Lm10,000) ma thallas realment mis-socjeta' attrici. Hemm ukoll l-ammont l-iehor ta' Lm918.30c ghal zewg ragunijiet jigifieri, ghal

- "Product advertising during sequestration for period Lm888.30c" u

- "Advertising for warehouse rental Lm30.00c"

L-attrici nomine baqghet ma tat l-ebda spjega tabilhaqq konvincenti dwar il-htiega vera ghaliha li kellhom jintefqu addizjonalment dawn is-somom f'pubblicita' u reklamar biex jikkombatti l-pubblicita' avversa li setghet giet ikkaggjonata in konsegwenza diretta tal-qbid. Fl-istess waqt il-Qorti tirrikonoxxi li m'hemmx dubbju li xi sforzi addizzjonali f'pubblicita' kienu mehtiega 'l hinn min-normal u ghalhekk qeghda arbitro boni viri tillikwida l-ammont ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300). Il-Qorti taccetta wkoll li s-socjeta' attrici kellha b'xi mod turi lis-socjeta' attrici li d-dizgwid lokali li nqala' ma kienx attribwibbli lilha u ghalhekk qeghda tammetti wkoll bhala validi z-zewg pretensjonijiet segwenti (fol. 58)

| | |
|---|---|
| • Trip to Fabriano to safeguard agency following harmful publicity | Lm 700 |
| • Ariston Convention early in 1992 to renew confidence of Malta agents in the company | Lm1,380 |
| Total: | Lm2,080 |

(elfejn u tmenin lira Maltin)

It-tielet "item" hija ghal "Professional fees" fl-ammont komplessiv ta' Lm3,200 - allegatament maghmul hekk (ara fol. 59) :-

| | |
|---|---|
| • "Consultancy fees re transfer of account | Lm1,000 |
| • Legal fees and charges to-date (anticipated) | Lm2,000 |
| • Consultancy report | Lm 200 |
| Total | Lm3,200 |

Dwar l-ispejjez legali ma giet esebita l-ebda ricevuta jew kont. Dwar is-servizzi finanzjarji gew esebiti biss zewg fotokopji ta' rikjesti - mhux ricevuti - ghal hlas ta' "consultancy fees" min-naha ta' Deloitte & Touche Services Limited. Ir-rapprezentanti ta' din is-socjeta' ma gewx prodotti in konferma,

oltre li m'hemm ebda ricevuta dwar hlas effettwat. Minbarra dan, l-ewwel kont - jekk jista' jissejjah hekk - ghall-ammont ta' Lm500 huwa ghal (ara fol. 75),

> *"For assistance in conjunction with Manduca Mercieca & co. in transferring the company's banking facilities from Mid Med Bank Limited to Bank of Valletta Limited".*

Fil-fehma tal-Qorti dina l-operazzjoni ma tidholx fil-pretensjoni attrici dwar "danni" - u r-raguni ghal dan hija ovvja bizzejjed. L-ammont iehor huwa aktar marbut - ara fol. 76 - mal-pretensjoni attrici pero' fil-fehma tal-Qorti ma huwiex spjegat bl-ebda mod u lanqas ma gie kkonfermat li thallas tassew. Billi pero' l-Qorti jidrilha li kien hemm dovuti xi hlasijiet ghal konsultazzjonijiet simili - in vista tar-rikjesti maghmulin mill-Bank konvenut, il-Qorti qeghda tillikwida arbitro boni viri kif gej:-

| | | |
|---|---|---|
| drittijiet professjonali legali: | | Lm250 |
| drittijiet professjonali konsultazzjonijiet finanzjarji: | | Lm250 |
| | Total | Lm500 |
| | (hames mitt lira Maltin) | |

Dwar l-ahhar "item" tad-danni mbaghad l-attrici nomine rreklamat is-somma ta' Lm200 ghal "cost of physical damage to appliances". Hija tallega, bla ma tipprova sufficjentement, li parti mill-oggetti maqbudin gew iddanneggjati. Huwa minnu li dehru reklami ta' bejgh ta' oggetti bil-hsara min-naha taghhom imma hija haga ben saputa li azjendi ta' "white goods" jaghmlu offerti simili ta' bejgh. Il-prova li tikkonnetti l-hsarat mal-operat tal-Bank konvenut ma rrizultatx sufficjentement.

Illi ghaldaqstant id-danni kollha dovuti mill-Bank konvenut H.S.B.C. Bank Malta p.l.c. huma kif gej:

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Telf ta' profitti | Lm4,200 |
| 2. | Konsenjatarju drittijiet u spejjez | Lm 200 |
| 3. | Pubblicita' addizjonali | Lm 300 |
| 4. | Hlasijiet ghal vjagg u laqghat barra minn Malta mas-Socjeta' Ariston | Lm2,080 |
| 5. | Hlasijiet ghal servizzi professjonali (legali/finanzjarji) | Lm 500 |
| | Total | Lm7,280 |

(sebat elef mitejn u tmenin lira Maltin)

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi l-kawza, u dana wkoll fil-kontumacja taz-zewg socjetajiet konvenuti Muscat's General Stores Limited u Pye Rentals Limited, billi filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta H.S.B.C. Bank Malta p.l.c., u tiddikjara bhala proceduralment ezawrita l-ewwel talba attrici in forza tal-hrug tal-opportun kontro-mandat ad istanza tal-imsemmi Bank konvenut, tilqa' pero' t-tlett (3) domandi l-ohra konsegwenzjali ghall-ewwel talba kif dedotti, b'dana li fir-rigward tat-tieni talba tippreciza li ghalkemm ma jirrizultax li l-Bank konvenut agixxa in male fede madankollu xorta wahda huwa legalment tenut responsabbli ghall-operat zbaljat tieghu fil-konfront tas-socjeta' attrici; u kwantu ghat-tielet talba qeghda tillikwida in linea ta' danni l-ammont komplessiv ta' Lm7,280.00c kif fuq inghad u tilqa' wkoll ir-raba' talba kif dedotta komprizi hlasijiet ta' nteressi legali kif mitlub fl-att tac-citazzjoni sal-hlas effettiv.

Il-kaop ta' l-ispejjez jithallas mis-socjeta' konvenuta H.S.B.C. Bank Malta p.l.c. hlief ghal dawk relativi ghaz-zewg socjetajiet konvenuti l-ohrajn surreferiti li l-ispejjez taghhom jibqghu bla taxxa u supportati minnhom stess.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md